

## DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/4/KE

tad-9 ta' Jannar 2008

li temenda d-Direttiva 94/39/KE fir-rigward ta' oġġetti ta' l-ikel għat-tnaqqs tar-riskju tad-deni mill-ħalib

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/74/KEE tat-13 ta' Settembru 1993 dwar l-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għal għanijiet nutrijenti partikolari<sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 6(ċ) tagħha,

Billi:

- (1) Permezz tad-Direttiva 94/39/KE<sup>(2)</sup> il-Kummissjoni stabbiliet lista ta' użi maħsuba għall-għalf ta' l-annimali għal għanijiet nutrittivi partikolari
- (2) Fl-opinjoni tagħha tat-8 ta' Diċembru 2004 l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li *z-zeolite* (*synthetic sodium aluminium silicate*) għandu l-potenzjal li jnaqqas ir-riskju ta' deni tal-ħalib fil-baqar li jipproduċu l-ħalib<sup>(3)</sup>. Madankollu, ma setgħetx tivvaluta għal kollox ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem u l-annimali minħabba li hemm xi data nieqsa. Wara li qieset it-tagħrif addizzjonali li waslilha, l-Awtorità kkonkludiet fl-opinjoni tagħha tal-11 ta' Lulju 2007 li *z-zeolite* ta' *zeolite* ma' l-għalf tal-baqar li jipproduċu l-ħalib għal perjodu ta' madwar ġimgħtejn wara li jwelledu ma joħloqx riskju fuq is-saħħa ta' l-annimali jew tal-bnedmin jew fuq l-ambjent<sup>(4)</sup>. Iż-*zeolite* għandu għalhekk ikun inkluż fil-linja "tnaqqs tar-riskju ta' deni tal-ħalib" fil-lista ta' użi maħsuba fil-Parti B ta' l-Anness tad-Direttiva 94/39/KE.

- (3) Fl-opinjoni tagħha tat-12 ta' Ġunju 2007 l-Awtorità kkonkludiet li l-għalf b'kontenut għoli ta' kalċju amministrat fi żmien il-ħlas jista' jkun effettiv ħafna fit-trattament ta' każijiet ta' deni ħafif tal-ħalib u biex il-baqar li jipproduċu l-ħalib ma jitħallewx jirkadu u għalhekk għandha tiżdied daħla ġdida mal-lista li tikkonċerna l-prevenzjoni tar-riskju tad-deni tal-ħalib<sup>(5)</sup>. Barra minn hekk l-Awtorità kkonkludiet li riskju marġinali għas-saħħa ta' l-annimali ma jistax ikun eskluż kompletament li jfisser li hu neċessarju li r-riskju individwali jiġi bbilanċjat mal-benefiċċji ġenerali ta' l-amministrazzjoni. Biex din il-valutazzjoni titħalla ssir mill-manijer tal-baqar li jipproduċu l-ħalib is-sorsi differenti tal-kalċju għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta flimkien mal-kwantità tagħhom. Barra minn hekk, it-tikketta għandha tinkludi rakkomandazzjoni għat-ftittxija ta' parir minn espert nutrizzjonali. L-Awtorità la tistenna riskju għall-konsumatur u lanqas riskju addizzjonali għall-ambjent. Għalf b'kontenut għoli ta' kalċju għandu għalhekk ikun inkluż fil-linja "tnaqqs tar-riskju ta' deni tal-ħalib" fil-lista ta' użi maħsuba fil-Parti B ta' l-Anness tad-Direttiva 94/39/KE.

- (4) Id-Direttiva 94/39/KE għalhekk għandha tiġi emendata skond dan.
- (5) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

## Article 1

L-Anness tad-Direttiva 94/39/KE qed jiġi emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

## Article 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mill-24 ta' Ġunju 2008. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

<sup>(1)</sup> ĠU L 237, 22.9.1993, p. 23. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 207, 10.8.1994, p. 20. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/1/KE (ĠU L 5, 9.1.2002, p. 8).

<sup>(3)</sup> Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-Addittivi u l-Prodotti jew Sustanzi użati fl-Għalf ta' l-Annimali fuq talba mill-Kummissjoni dwar l-użu ta' *synthetic sodium aluminium silicate* (*zeolite*) għat-tnaqqs tar-riskju tad-deni tal-ħalib f'baqar li jipproduċu l-ħalib. Adottata fit-8 ta' Diċembru 2004. *Il-Ġurnal EFSA* (2004) 160, 1-11.

<sup>(4)</sup> Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-Addittivi u l-Prodotti jew Sustanzi użati fl-Għalf ta' l-Annimali dwar is-sikurezza taż-*zeolite* (*sodium aluminosilicate, synthetic*) għat-tnaqqs tar-riskju tad-deni tal-ħalib f'baqar li jipproduċu l-ħalib. Adottata fit-11 ta' Lulju 2007. *Il-Ġurnal EFSA* (2007) 523, 1-11.

<sup>(5)</sup> Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-Addittivi u l-Prodotti jew Sustanzi użati fl-Għalf ta' l-Annimali dwar is-sikurezza ta' l-għalf b'kontenut għoli ta' kalċju għat-tnaqqs tad-deni tal-ħalib f'baqar li jipproduċu l-ħalib. Adottata fit-12 ta' Ġunju 2007. *Il-Ġurnal EFSA* (2007) 504, 1-10.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza ta' din ix-xorta.

*Article 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Article 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 9 ta' Jannar 2008.

*Għall-Kummissjoni*  
Markos KYPRIANOU  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

Fiċ-Ċaġir B ta' l-Anness tad-Direttiva 94/39/KE, il-linja tal-fini nutrittivi partikolari "Tnaqqis tar-riskju ta' deni tal-ħalib" tinbidel b'li ġej:

Fini nutrittiva partikolari	Karatteristiċi nutrittivi essenzjali	Speċi jew kategorija ta' l-animmal:	Dikjarazzjonijiet ta' l-irtekketar	Tul ta' ħin rakkomandat	Dispożizzjoni oħra
"Tnaqqis tar-riskju ta' deni tal-ħalib	— Livell baxx ta' kalċju  u/jew  — Proporzjoni cations/anions baxxa	Baqar li jipproduċu l-ħalib	— Kalċju — Fosfru — Manjeżju  — Kalċju — Fosfru — Sodju — Potassju — Kloridi — Kubrit	Minn ġimgħa sa 4 qabel ma jwelledu  Minn ġimgħa sa 4 qabel ma jwelledu	Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu: 'Tibqax titma' wara li jwelledu'  Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu: 'Tibqax titma' wara li jwelledu'
	jew  — Livell għoli ta' zeolite (synthetic sodium aluminium silicate)		Kontenut ta' synthetic sodium aluminium silicate	Il-ġimgħatejn qabel ma jwelledu	Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu: — 'L-ammont ta' għalf għandu jkun ristrett biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm teħid kuljum ta' iżjed minn 500 g sodium aluminium silicate għal kull animmal.' — 'Tibqax titma' wara li jwelledu'
	jew  — Livell għoli ta' kalċju fil-forma ta' mluħ tal-kalċju disponibbli ħafna		Kontenut totali ta' kalċju, sorsi u kwantità rispettiva ta' kalċju	Ibda ma' l-ewwel sinjali ta' tqala sa jumejn wara t-tqala	Indika fuq il-pakkett, il-kontenitur jew it-tikketta: — L-istruzzjoni għall-użu jiġifieri n-numru ta' applikazzjonijiet u ż-żmien qabel u wara li jwelledu. — It-test 'Huwa rakkomandat li titlob opinjoni minn espert nutrizzjonali qabel l-użu.'